**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Gunju, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1392/2016/2 AF**

**Fl-atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1392/2016 AF fl-ismijiet:**

**Michael Falzon**

**vs**

**Joseph Bonnici**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Michael Falzon li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Din l-Onorabbli Qorti bid-digriet taghha moghti fis-27 ta' Ottubru, 2016 laqghet it-talba tal-esponent ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimat Joseph Bonnici jigi mizmum milli jkompli jesegwixxi fil-livelli tar-raba' u l-hames sular tal-blokk ta' appartamenti bl-isem "John Rose" fi Triq l-

Istamnar, San Pawl il-Bahar, kwalsiasi xogholijiet ta' kostruzzjoni jew ta' alterazzjoni strutturali illi b'kull mod li jkun jimpingu fuq jew jostakolaw l-ezercizzju tad-drittijiet ta' koproprjetà, access u uzu li ghandu l-istess esponent in rigward tal-*area* tal-kuritur fil-binja hawn fuq imsemmija li kienet giet indikata fit-talba tal-esponent ghall-hrug tal-Mandat.

Wara l-hrug tal-Mandat riferenzjat, l-intimat Joseph Bonnici xorta wahda issokta b'xogholijiet li direttament jew indirettament jilledu d-drittijiet tal-esponent, bi ksur tal-ordni tal-Qorti u ghalhekk b'disprezz lejn l-awtorità taghha.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat Joseph Bonnici qed jagixxi bi ksur tad-digriet moghti fis-27 ta' Ottubru 2016 kif imfisser hawn fuq;

2. Tikkundanna lill-istess intimat sabiex jirrimedja ghall-agir tieghu, u fin-nuqqas tawtorizza lill-esponent sabiex jaghmel ix-xoghol rimedjali opportun a spejjez tal-intimat; u

3. Taghti l-provedimenti li jidhrilha jkunu xierqa ghad-disprezz imwettaq lejn l-awtorità taghha, ghall-iskop ukoll illi jigi zgurat li ma jsir l-ebda sur iehor tal-Mandat li nhareg.

Rat ir-risposta ta' Joseph Bonnici fejn eccepixxa illi:

Permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Ottubru 2016, l-esponenti gie inibit milli jkompli jesegwixxi fil-livell tar-raba' u l-hames sular tal-blokk ta' appartamenti bl-isem "John Rose" fi Triq l-Istamnar, San Pawl i-Bahar, kwalsiasi xogholijiet ta' kostruzzjoni jew ta' alterazzjoni strutturali illi b'kull mod li jkun jimpingu fuq jew jostakolaw l-ezercizzju tad-drittijiet ta' koproprjetà, access u uzu li ghandu r-rikorrenti in rigward tal-area tal-kuritur murija bil-kulur isfar fil-pjanta annessa mat-talba ta' Michael Falzon.

Kwalsiasi xoghol fil-kuritur in dizamina ilu li gie mwaqqaf mis-27 ta' Settembru 2016, u cioè mid-data li fiha l-Mandat ta' Inibizzjoni kien gie milqugh provizorjament minn din l-Onorabbli Qorti.

Il-pretensjonijiet tar-rikorrenti Michael Falzon fir-rigward ta' allegati drittijiet ta' koproprjetà, access u uzu tal-kuritur *de quo* qed jigu fermament ikkontestati mill-esponenti fil-kawza bl-istess ismijiet, bin-numru referenzjali 1054/2016 LM, liema kawza waslet fl-istadju tal-provi tal-esponenti.

Kwalsiasi xogholijiet li ghadu qed jaghmel l-esponenti fil-proprjetà minnu mixtrija bl-ebda mod mhu qed jaffettwaw l-*area* tal-kuritur murija bil-kulur isfar, liema *area* qed tinzamm preservata fl-istat li kienet fih fid-data tal-hrug tal-Mandat, kif inhu ben indikat fir-ritratti hawn annessi bhala Dok. A, liema ritratti gew mehuda ricentament wara li l-esponenti gie notifikat bir-rikors odjern.

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jishaq li hu dejjem irrispetta l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti, jitlob li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Michael Falzon, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1392/2016.

Rat ix-xhieda kollha prodotti u d-dokumenti esibiti, inkluz dawk esibiti fil-forma elettronika.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura ir-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-intimat kiser l-ordnijiet tal-Qorti kif kontenuti fil-mandat ta' inibizzjoni 1392/2016 mahrug fil-konfront tal-intimat.

Jirrizulta illi permezz ta' mandat ta' inibizzjoni degretat minn din il-Qorti kif presjeduta fis-27 ta' Ottubru 2016, Joseph Bonnici gie inibit milli:

> *"jkompli jesegwixxi fil-livelli tar-raba' u l-hames sular tal-blokk ta' appartamenti bl-isem "John Rose" fi Triq l-Istamnar, San Pawl il-Bahar, kwalsiasi xogholijiet ta' kostruzzjoni jew ta' alterazzjoni li strutturali illi b'kull mod li*

*jkun jimpingu fuq jew jostakolaw l-ezercizzju tad-drittijiet ta' koproprjetà, access u uzu li ghandu r-rikorrenti in rigward tal-area tal-kuritur murija bil-kulur isfar fil-pjanta hawn annessa (Dokument A), bhala l-proprjetarju ta' hamsa mill-appartament fil-blokk imsemmi."*

Michael Falzon jikkontendi illi l-intimat kiser l-ordni tal-Qorti meta ssokta bix-xogholijiet.

L-Artiklu 873(4) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*"Jekk jiġi ppruvat permezz ta' rikors għas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita aġixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il-qorti għandha, mingħajr preġudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tiegħu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjeż tal-persuna inibita."*

L-Art. 997 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

"*(1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.*

*(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin*

*ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi."*

Sussegwentement l-Art. 1003A imbaghad jipprovdi illi:

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur."*

Il-Qorti tenfasizza illi fi proceduri ta' din ix-xorta hija ma tezaminax "*funditus*" l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati. Dan jithalla f'idejn dik il-Qorti li lilha jadixxi r-Registratur meta fuq ordni ta' din il-Qorti jipprocedi fil-konfront ta' min ikun qed jigi mixli li ddisprezza l-awtorità tal-Qorti.

Il-Qorti tinnota illi l-mandat ta' inibizzjoni *de quo* zamm lill-intimat milli jissokta b'xogholijiet fil-kuritur tal-hames sular tla-binja mertu tal-vertenza. Ghalkemm pruvat illi x-xogholijiet fl-appartament tal-intimat tassew issoktaw, il-Qorti mhijiex konvinta sal-grad rikjest mill-ligi fi proceduri ta' din ix-xorta illi wara d-data tas-27 ta' Ottubru 2016 saru xi xogholijiet fil-kuritur tal-hames sular tal-binja.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' Michael Falzon kif kontenuti fir-rikors tieghu.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG